# Belt - Raħal - Subborg

*Kitba tal-Perit Carmel Ellul*

Fil-qari ta' l-istorja ta' l-iżvilupp demografiku ta' pajjiżna nsibu li meta l-popolazzjoni kienet żgħira ħafna u tgħix minn fuq dak li tkabbar mill-art tagħha, id-djar kienu mferrxin. Dan kien jgħodd b'mod partikolari fil-kampanja. Mal-mogħdija taż-żmien, kiber il-bżonn illi n-nies tinġabar iktar f'ċentru abitat. Hawn Malta dan ġara l-iktar minħabba l-bżonn tad-difiża tal-popolazzjoni kontra l-inkursjonijiet mill-ħallelin tal-baħar. Għandna ħafna leġġendi u stejjer oħra li jirrakkontaw dawn iż-żminijiet. In-nies bdiet tħalli l-kampanja u tinġabar f'ċentri abitati. Sa tmiem is-seklu dsatax, il-ħajja tal-poplu Malti kienet għadha waħda mibnija fuq ix-xogħol fl-agrikultura, u għaldaqstant, il-ħajja soċjali u ekonomika ftit li xejn kellha għalfejn tinbidel



minn ġenerazzjoni għal oħra. Kien hawn l-ibliet mibnija wara s-swar – l-Imdina, il-Belt Valletta, it-tlitt ibliet madwar il-Port il-Kbir. Imbagħad kien hawn ukoll il-villaġġi mxerrdin ma' Malta kollha, iżda l-iktar fil-parti tan-nofsinhar tal-gżira 'l bogħod mix-xtajtiet u l-bajjiet fejn il-kursara setgħu jsibu l-kenn biex jinżlu l-art. (*Rural Settlement in Malta* – Brian Blouet).

Tul is-seklu għoxrin, bdiet il-bidla ekonomika fil-pajjiż. In-nies bdiet titlaq ix-xogħol tal-biedja, għax daħlu mezzi oħra ta' għixien – l-aktar fil-port, u 'l quddiem bil-bidu ta' l-industrijalizzazzjoni tal-pajjiż. Spiċċa kull biża' tal-kursara. Mod ġdid ta' ħajja li ħalla l-marka tiegħu anke fuq il-forma taċ-ċentri abitati. Xi villaġġi kibru f'irħula, bdew jinbtu s-subborgi.

X'naraw f'dawn it-tliet forom ta' urbanizzazzjoni?

### Il-Belt imdawra bis-swar

Mingħajr dubju, is-swar huma karatteristika ewlenija. Dan il-ħajt ta' difiża tal-belt ta' daqs preċiż lill-belt u ħafna drabi influwenza wkoll it-tqassim tat-toroq.

Meta Laparelli fassal il-Belt Valletta, kellu l-ħsieb ta' triq ewlenija u serje ta' toroq oħra skond il-livell tat-terren. Sab li se jkollu bini b'forma stramba u għalhekk abbanduna dan il-ħsieb. Fassal belt bi blokki rettangulari. (J. Quentin Hughes).

L-istess jista' jingħad fit-tfassil ta' l-ibliet fuq ix-xatt l-ieħor tal-Port il-Kbir, ħlief għall-Birgu fejn it-toroq jinfirxu 'l barra miċ-ċentru tal-belt.

Karatteristiċi li ssib fl-ibliet jinkludu:

- Toroq ta' wisa' differenti, u l-użu ta' taraġ u rampi minħabba t-topografija tat-terren.
- It-tfassil ta' ħafna pjazez u wesgħat, li jifformaw is-salott tal-belt.
- Bini storiku u maestuż li jagħti lill-belt l-importanza tagħha u l-valur estetiku.

### Is-subborg

Subborg jikber 'il barra minn ċentru abitat li jkun diġà fformat, kemm fl-organizzazzjoni soċjali u kemm fl-urbanistika. Għaldaqstant, ħafna drabi ma jkollux dawk il-kartatteristiċi li ssemmew dwar l-ibliet, minkejja li huma wkoll ikollhom it-tifsila tagħhom. Aktarx li ma jkollhomx iċ-ċentru tagħhom.

Hawn Malta, wieħed minn dan it-tip ta' żvilupp huwa l-Ħamrun – li żviluppa tul it-triq bejn il-Belt Valletta u Birkirkara.

### Il-villaġġ u r-raħal

Fid-dizzjunarju Webster id-definizzjoni ta' villaġġ hija *"a unit of compact settlement ... a cluster of*

*houses and other buildings – such as stores and churches – forming a unit distinguished from the surrounding rural territory."* Il- UNESCO tara l-villaġġ bħala *"a group of households holding a territory, inter-related to fulfil all the functions of social life on its own and in conjunction with more complex groups. The village community ensured the material and moral welfare of the individual."* (Council of Europe – The Presentation and Development of Ancient Buildings and Historical or Artistic Sites, 1963).

L-Enciclopedia Italiana tfisser li villaġġ huwa: *"una località di campagna, non cinta da mura ... si distingue dal borgo, la borgata, il paese proprio per lo specifico carattere 'agricolo indifeso'. La storia del villagio, l'evoluzione delle sue varie forme, e quella della sua struttura organica rivestono una notevole importanza nella storia dell' urbanistica; nelle planimetrie dei villaggi antichi sono da ricercare le origini de talune delle fondamentali impostazioni planimetriche nella città odierne." (Enciclopedia Italiana delle Scienze, Lettere ed Arti. Trecciani 1949).*

Għalkemm fil-forma ta' villaġġ jinħassu l-forzi ġeografiċi, ekonomiċi u storiċi, nistgħu ngħidu li l-iżvilupp kien iktar organiku u spontanju. Il-bini tela' matul it-toroq li kienu jaqsmu l-inħawi. Fl-istudju tiegħu dwar l-irħula, Goldfinger jagħti tliet karatteristiċi tal-villaġġi, li huma:

- Kompożizzjoni organizzata
- Spazji 'negattivi'
- Bini eċċezzjonali (Goldfinger Myron, Villages in the Sun 1969).

Il-villaġġi kellhom unità sħiħa fil-bini. Dan intlaħaq għax kien hemm użu ta' forom simili ħafna, skond il-limitazzjoni ta' l-art. Fil-villaġġi, id-densità ta' l-abitazzjonijiet ma tinbidilx ħafna.

Dawn il-binjiet kienu jitilgħu fid-direzzjoni ta' spazju wieħed u kbir, spazju 'negattiv' – vojt ta' bini. Dan l-ispazju kien iservi l-bżonnijiet spiritwali u kummerċjali tal-villaġġ. F'dan l-ispazju kien jinbena dak il-bini eċċezzjonali – fejn il-forom qawwija arkitettoniċi tiegħu joħolqu kuntrast mas-sempliċita' tal-forom tal-bini tul it-toroq. Dan il-bini eċċezzjonali, li tista' tgħid dejjem hija l-knisja jew xi kappella, taqta' r-ripetizzjoni tal-forma arkitettonika tal-bini vernakulari, iservi bħala punt ta' riferiment jew post fejn tintemm il-mixja tal-villaġġ. Madwar dan il-bini u l-pjazza, il-bini fil-villaġġ kien joħloq struttura li kienet ideali għad-difiża mill-attakki tal-kursara.

Ftit kienet id-differenza bejn villaġġ u raħal, tant li ftit kont tista' tagħżel bejniethom fuq livell urbanistiku. Tista' tgħid li l-irħula l-kbar jinsabu fiċ-ċentru tal-gżira tagħna, aktarx li kibru minħabba l-bżonn ta' difiża. Fir-raħal hemm konċentrazzjoni iktar qawwija ta' bini u l-organizzazzjoni tal-komunità iktar qawwija. Fir-raħal, il-bini jiddomina fuq in-natura; fil-villaġġi tagħmel passejn u ssib ruħek fil-kampanja.

Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar joħorġu forom ta' żvilupp urbanistiku. Ninqatgħu qegħdin minn dak li huwa tradizzjonali u ndaħħlu forom ġodda mibnija fuq mudelli ta' soċjetajiet oħra barranin. Imma qegħdin fit-triq it-tajba? ❦

